**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' Marzu 2021**

**Rikors nru: 75/2021 AGV ;**

AB u CD gja' A

Vs

X

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, datat 25 ta' Frar 2021, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fil- 25 ta' Ottubru 2008 gewwa r-registru taz-zwieg il-Belt Valletta, certfikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;

Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom effettwaw is-seperazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

personali ippubblikat in atti tan-nutar Dr. Elaine Farrugia, fis- 7 ta' Awwissu 2018, kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok B;

Illi minn daz-zwieg twieldu tlett itfal, EA li twieled nhar it- 12 ta' Mejju 2007, FG A li twieled nhar is-7 ta' Ottubru 2008, u HA li twieled nhar l– 14 ta' Lulju 2013, li ghadhom minorreni;

Illi l-partijiet ilhom de facto separati sa minn Dicembru tas-sena 2016 kif jirrizulta minn pagna numru 9 tal-anness kumtratt tas-seperazzjoni ghalhekk il-kriterji rikjesti skont l-Artikolu 66 B (a) ghandu jirrizulta sodisfatt.

Illi l-missier jivversa l-mantenimen versu l-minuri, kif irrizulta mil-kuntratt ta' separazzjoni paragrafu numru 5 u l-partijiet jiddikjaraw li ma hemm ebda pendenzi jew arretrati;

Illi inoltre' ma tezisti ebda possibilita' regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk il-kriterji rikjesti skont l-artikolu 66 B (b) jirrizulta sodisfatt;

Illi ghalhekk jikonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg, u ghad-divorzju tal-partijiet skont l-artikolu 66 B tal- Kodici Civili Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant umilment u bir-rispett l-esponenti jitolbu il dina Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronzunja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Dr. Maria Cardona li dehret ghaz-zewg partijiet informat lil Qorti li qed tilqa' n-notifika ta' AB, u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**